32004R1845

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1845/2004

tat-22 ta' Ottubru 2004

li jikkompleta l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar ir-reġistrazzjoni ta' ċerti denominazzjonijiet fir-«Reġistru ta' l-ismijiet ta' l-oriġini protetti u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti».

(Tergeste, Lucca, Miele della Lunigiana et Αγιος Ματθαιος Κερκυρας (Agios Mathaios Kerkyras))

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92, ta' l-14 ta' Lulju 1992, dwar il-ħarsien ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u ta' l-ismijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, l-Italja transmettiet lill-Kummissjoni tliet talbiet ta' reġistrazzjoni bħala isem ta' l-oriġini għad-denominazzjonijiet « Tergeste », « Miele della Lunigiana » u « Lucca » ; il-Greċja transmettiet lill-Kummissjoni talba ta' reġistrazzjoni bħala indikazzjoni ġeografika għad-denominazzjoni « Αγιος Ματθαιος Κερκυρας » (Agios Mathaios Kerkyras).

(2) Skond l-Artikolu 6(1) tar-Regolament imsemmi, dawn id-denominazzjonijiet huma konformi ma' dan ir-Regolament, u għandhom l-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 4.

(3) L-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni, għas-sens ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, ma ġiet transmessa lill-Kummissjoni wara l-pubblikazzjoni ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*[2] tad-denominazzjonijiet li jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

---

[1] ĠU L 208, 24.7.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1215/2004 (ĠU L 232, 1.7.2004, p. 21).

[2] ĠU C 303, 13.12.2003 (Tergeste)
ĠU C 321, 31.12.2003, p. 39 (Miele della Lunigiana).
ĠU C 321, 31.12.2003, p. 45 (Lucca).
ĠU C 321, 31.12.2003, p. 43 (Agios Mathaios Kerkyras).

(4) Minħabba dan, dawn id-denominazzjonijiet jixirqilhom jiġu mniżżla fir-"Reġistru ta' l-ismijiet ta' l-oriġini protetti u ta' l-indikazjzonijiet ġeografiċi protetti" u b'hekk li jiġu protetti fuq livell komunitarju bħala isem ta' l-oriġini protett jew indikazzjoni ġeografika protetta.

(5) L-Anness ta' dan ir-Regolament jikkompleta l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96[3],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 hu kkompletat bid-denominazzjonijiet li jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament u danw id-denominazzjonijiet huma rreġistrati taħt isem ta' l-oriġini protett (IOP) jew indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP), fir-"Reġistru ta' l-ismijiet ta' l-oriġini protetti u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti imsemmija fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Ottubru 2004.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

[3] ĠU L 327, 18.12.1996, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1846/2004 (ĠU L 273, 21.8.2004, p. 9).

ANNESS

PRODOTTI TA' L-ANNESS I TAT-TRATTAT MAĦSUBA GĦALL-ALIMENTAZZJONI HUMANA

Xaħmijiet (butir, marġarin, żejtijiet, eċċ)

L-ITALJA

Tergeste (IOP)
Lucca (IOP)

Il-GREĊJA

Agios Mathaios Kerkyras (IĠP)

Prodotti oħra magħmulin mill-annimali (bajd, għasel, prodotti tal-ħalib differenti ħlief butir, eċċ)

L-ITALJA

Miele della Lunigiana (IOP)